

Brussell, 22 ta' Mejju 2025
(OR. en)

9291/25

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0301 (COD)

COMPET 413
MI 323
JUR 340
ETS 15
EDUC 178
DIGIT 96
EMPL 196
SOC 306
CODEC 668

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8659/25

Nru dok. Cion: COM(2024) 531 final

Suġġett: Regolament dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012
- Approċċ ġenerali

Fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' Marzu 2025, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta msemija hawn fuq.

It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness. Il-bidliet meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni Ewropea huma mmarkati b'*tipa grassa u bil-korsiv* għaż-żidiet u b'tipa ingassata għat-tħassir.

2024/0301 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/201

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja,

Billi:

¹ ĠU C , , p. .

- (1) Jenħtieġ li s-sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI", Internal Market Information), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² tintuża kemm jista' jkun għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka, inkluż bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri previsti fid-Direttivi 2014/67/UE³ u 96/71/KE⁴ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, dwar il-postazzjoni tal-ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi. F'konformità mad-Direttiva 2014/67/UE, b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha, l-Istati Membri għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u jipprovdu lil xulxin b'assistenza reċiproka mingħajr dewmien żejjed sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-infurzar fil-prattika ta' dik id-Direttiva u d-Direttiva 96/71/KE.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1024/oj>).

³ Id-Direttiva 2014/67/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-infurzar tad-Direttiva 96/71/KE dwar l-istazzjonament ta' ħaddiema fil-qafas tal-prestazzjoni ta' servizzi u li temenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("ir-Regolament tal-IMI") (ĠU L 159, 28.5.2014, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/67/oj>).

⁴ Id-Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-impjieg ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizzi (ĠU L 18, 21.1.1997, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1996/71/oj>).

- (2) Id-Direttiva 2014/67/UE għandha l-għan li [...] tiggarrantixxi [...] livell xieraq ta' ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati għall-prestazzjoni transfruntiera ta' servizzi, b'mod partikolari [...] l-infurzar tat-termini u l-kundizzjonijiet ta' impjieg li japplikaw fl-Istat Membru fejn għandu jiġi provdut is-servizz skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 96/71/KE, ***filwaqt li tiffaċilita l-eżerċizzju tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi għall-fornituri ta' servizzi u tippromwovi kompetizzjoni ġusta bejn il-fornituri ta' servizzi, u b'hekk tappoġġa l-funzjonament tas-suq intern.*** Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, l-Istati Membri jistgħu jimponu biss rekwiżiti amministrattivi u miżuri ta' kontroll [...] kif ikun meħtieġ sabiex jiġi żgurat monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-obbligi stabbiliti f'dik id-Direttiva u fid-Direttiva 96/71/KE u dment li dawn ikunu ġustifikati u proporzjonati f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Fejn dan ikun il-każ, l-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi stabbilit fi Stat Membru ieħor li jagħmel dikjarazzjoni sempliċi lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli ***li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti meħtieġa*** sabiex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, f'liema każijiet jitolbu dikjarazzjoni tal-postazzjoni u liema informazzjoni jrid ikun fiha din id-dikjarazzjoni. ***L-Artikolu 9(1)(b) jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi li jżomm jew jagħmel disponibbli u/jew iżomm kopji, f'forma stampata jew elettronika, ta' dokumenti relatati mal-impjieg matul il-perjodu ta' postazzjoni f'post aċċessibbli u identifikat b'mod ċar fit-territorju tiegħu. L-Artikolu 9(1)(c) jippermetti li jkun impost l-obbligu fuq fornitur ta' servizz li jippreżenta dawn id-dokumenti wara l-perjodu ta' postazzjoni fuq talba tal-awtoritajiet tal-Istat Membru ospitanti, fi żmien perjodu ta' żmien raġonevoli. L-Artikolu 9(1)(d) jippermetti lill-Istati Membri jimponu obbligu fuq fornitur ta' servizzi li jipprovdi traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti f'waħda mil-lingwi uffiċjali aċċettata mill-Istat Membru ospitanti. L-Istati Membri jibqgħu responsabbli li jiddeċiedu, fil-limiti tal-ġustifikazzjoni u l-proporzjonalità, jekk jintroduċux xi rekwiżiti fir-rigward tad-dokumenti rilevanti li għandhom isiru disponibbli.***

- (3) L-Istati Membri kollha użaw il-possibbiltà li jimponu obbligu ta' dikjarazzjoni għall-fornituri ta' servizzi ta' postazzjoni tal-ħaddiema fl-Istat Membru tagħhom, b'sistemi nazzjonali li jvarjaw b'mod sinifikanti fid-disinn, fir-rekwiżiti u fil-funzjonalità. **Billi l-piż amministrattiv relatat mal-obbligu tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni jvarja b'mod sinifikanti għal kull Stat Membru**, il-konformità ma' dawn is-sistemi diverġenti toħloq piż amministrattiv konsiderevoli għall-fornituri ta' servizzi ta' postazzjoni tal-ħaddiema **fi Stati Membri differenti**. Il-partijiet ikkonċernati, **b'mod partikolari l-fornituri ta' servizzi** enfasizzaw [...] li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema tikkostitwixxi obbligu ta' rappurtar sinifikanti u hija fost l-aktar [...] **ostakli** amministrattivi importanti għall-forniment transfruntier ta' servizzi fis-suq intern.
- (4) Ir-rekwiżiti ta' rappurtar jaqdu rwol ewlieni biex jiġu żgurati l-monitoraġġ xieraq u l-infurzar korrett tal-leġiżlazzjoni. Madankollu, huwa importanti li dawk ir-rekwiżiti jiġu ssimplifikati [...] **biex jiġi limitat il-piż amministrattiv, filwaqt li jiġi żgurat** li jissodisfaw l-iskop li għalih kienu maħsuba [...]. Għalhekk, l-obbligi ta' rappurtar u r-rekwiżiti fis-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti, stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 9(1), **il-punt (a)**, tad-Direttiva 2014/67/UE jenħteġ li jiġu ssimplifikati **mingħajr preġudizzju għall-protezzjoni adegwata tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati skont id-Direttiva 96/71/KE u l-infurzar tagħha skont id-Direttiva 2014/67/UE**, f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Il-kompetittività fit-tul tal-UE: inħarsu lil hinn mill-2030"⁵, sabiex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-fornituri ta' servizzi stabbiliti fi Stati Membri oħra u ta' postazzjoni tal-ħaddiema fl-Istati Membri ospitanti kif ukoll għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

⁵ COM(2023) 168 final.

- (5) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv għall-fornituri ta' servizzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti irid [...] ***jinkiseb filwaqt li jiġu rrispettati*** l-kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati u l-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema ppostjati ***u l-infurzar tagħha***. L-iffaċilitar tal-monitoraġġ effettiv [...] mill-Istati Membri ***tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE li għandu l-għan li jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati*** u t-tiżi tal-kooperazzjoni amministrattiva reċiproka jtejbju l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ***u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra ċ-ċirkomvenzjoni u l-abbuż tar-regoli dwar il-postazzjoni u x-xogħol mhux iddikjarat fil-kuntest tal-postazzjoni tal-ħaddiema***.
- (6) F'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012 jistgħu jiġu pprovduti mezzi tekniċi biex l-atturi esterni jkunu jistgħu jinteraġixxu mal-IMI. Tali interazzjoni jenħtieġ li tiġi ffaċilitata permezz ta' interfaċċa pubblika elettronika multilingwi konnessa mal-IMI ("l-interfaċċa pubblika") li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi għandhom jissottomettu dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni lill-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika [...] ***minflok id-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tagħhom stess f'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE u l-liġi nazzjonali u li permezz tagħha l-fornituri ta' servizzi jenħtieġ li jagħmlu disponibbli d-dokumenti rilevanti għall-Istati Membri [...] li jagħmlu użu addizzjonali mill-interfaċċa pubblika minflok il-proċeduri tagħhom stess biex jitolbu u jiksbu dawn id-dokumenti rilevanti. Jenħtieġ li d-dokumenti mitluba u miksuba fl-IMI permezz tal-interfaċċa pubblika ma jerġgħux jintalbu b'xi mod ieħor***. Dawn l-Istati Membri [...] ***jistgħu imbagħad*** jużaw l-informazzjoni ***u d-dokumenti*** li jirċievu permezz tal-IMI biex jagħmlu talbiet motivati fil-moduli tal-postazzjoni tal-IMI f'konformità mal-obbligu li jipprovdu kooperazzjoni u assistenza amministrattiva reċiproka msemmija fl-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 2014/67/UE.
- (7) Simplifikazzjoni tal-proċess li jintbagħtu u jiġu aġġornati d-***dikjarazzjonijiet*** tal-postazzjoni ***u li jkunu disponibbli d-dokumenti rilevanti*** li jirriżultaw mill-ħolqien ta' tali interfaċċa pubblika [...] [...] ***għandha l-għan li tnaqqas l-ostakli*** amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż għad-dritt tal-impriżi li jipprovdu servizzi fi Stat Membru ieħor bil-ħaddiema tagħhom stess.

- (7a) *Għalkemm l-Istati Membri ma humiex meħtieġa jipprevedu l-użu tal-interfaċċa pubblika stabbilita minn dan ir-Regolament u jistgħu jkomplu jużaw id-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tagħhom stess, l-adozzjoni mill-Istati Membri prevista tikkontribwixxi għall-approssimazzjoni tal-proċedura u tar-rekwiżiti għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema fl-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika. L-interfaċċa pubblika bħala l-portal uniku għad-dikjarazzjonijiet u l-formola standard jistabbilixxu kundizzjonijiet simili għad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni fl-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika. Dan ir-Regolament għalhekk għandu l-għan li jiffaċilita l-forniment liberu ta' servizzi billi jipproċedi għal armonizzazzjoni parzjali fir-rigward tal-proċedura u r-rekwiżiti għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema stabbiliti fid-Direttiva 2014/67/UE. Billi jipprevedi kundizzjonijiet aktar armonizzati, dan ir-Regolament ser inaqqas il-frammentazzjoni attwali bejn l-Istati Membri li jiddeċiedu li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika.*
- (8) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet [...] *permezz tal-interfaċċa pubblika għandha l-għan li tiffaċilita* applikazzjoni aħjar [...] tad-Direttiva 96/71/KE kif ukoll l-infurzar tagħha fil-prattika[...]. *Dan għandu l-għan li jiffaċilita* t-tweġġiq ta' spezzjonijiet effettivi u adegwati mill-Istati Membri, filwaqt li jikkontribwixxi għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati.
- (9) Is-simplifikazzjoni tal-proċess li permezz tiegħu jintbagħtu u jiġu aġġornati d-dikjarazzjonijiet [...] *permezz tal-interfaċċa pubblika għandha l-għan li tnaqqas* il-piż amministrattiv tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jfittxu assistenza reċiproka minn Stati Membri oħra. Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli [...] jipprovdu assistenza reċiproka lil xulxin mingħajr dewmien żejjed u biex jiġu ssimplifikati t-talbiet għal assistenza reċiproka, jenħtieġ li l-informazzjoni sottomessa fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni tkun magħmula disponibbli direttament fl-IMI, u b'hekk tiffaċilita l-applikazzjoni fil-prattika tad-Direttiva 2014/67/UE u tad-Direttiva 96/71/KE u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

- (10) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi interfaċċa pubblika għall-użu volontarju mill-Istati Membri. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jirrikjedu li l-fornituri ta' servizzi jużaw l-interfaċċa pubblika elettronika biex jagħmlu dikjarazzjoni tal-postazzjoni lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tagħhom ***u biex itellgħu dokumenti fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom, bħala mezz [...]*** biex jikkonformaw mal-obbligi [...] imposti minn dawn l-Istati Membri biex jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema ***f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE u jagħmlu disponibbli dokumenti f'konformità mal-Artikolu 9(1)(b), (c) u)d) tad-Direttiva 2014/67/UE.*** Din l-interfaċċa pubblika għandha tappoġġa lill-Istati Membri fil-kompitu tagħhom li jiżguraw li l-proċeduri u l-formalitajiet relatati mal-postazzjoni tal-ħaddiema jkunu jistgħu jitlestew b'mod faċli għall-utent mill-impriżi, mill-bogħod u b'mezzi elettroniċi, filwaqt li jiffaċilitaw is-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***u li jittellgħu d-dokumenti*** fejn meħtieġ. ***Jenħtieġ li l-interfaċċa pubblika tivvalida teknikament id-data fid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni biex tiżgura sa fejn ikun possibbli l-plawżibbiltà u l-preċiżjoni teknika tal-informazzjoni mdaħħla u l-format tad-data. Jenħtieġ li kwalunkwe azzjoni tal-utent tal-fornitur ta' servizzi fl-interfaċċa pubblika dwar id-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni u d-data inkluża fihom tiġi rreġistrata u mniżżla sabiex jiġu pprovduti trasparenza u traċċabbiltà sħiħa. Jenħtieġ li l-istabbiliment tal-interfaċċa pubblika ma jkollu l-ebda impatt fuq l-Istati Membri li jiddeċiedu li ma jużawx l-interfaċċa pubblika u li jkomplu jużaw id-dikjarazzjoni nazzjonali tal-postazzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE. L-Istati Membri kollha ser ikomplu jużaw l-IMI għall-kooperazzjoni amministrattiva u l-assistenza reċiproka bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri previsti fid-Direttivi 2014/67/UE u 96/71/KE u l-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament 1024/2012. Jenħtieġ li l-links għas-siti web rilevanti tal-Istati Membri għas-sottomissjoni ta' notifika motivata f'konformità mad-Direttiva 96/71/KE jsiru disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika.***

- (11) Jenħtieġ li jintużaw soluzzjonijiet interoperabbli u riutilizzabbli, bħal dawk previsti fir-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew għall-Identità Digitali⁶, peress li jistgħu jiffaċilitaw kif il-fornituri ta' servizzi jidentifikaw lilhom infushom.[...] ⁷ [...]
- (11a) *Filwaqt li tistabilixxi l-interfaċċa pubblika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tesplora l-possibbiltà li d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni skont id-Direttiva 2014/67/UE u l-applikazzjoni għad-dokument portabbli A1 jittqarrbu aktar lejn xulxin teknikament, inkluż billi tesplora sinerġiji f'termini ta' użu mill-ġdid tad-data. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tesplora wkoll il-possibbiltà li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-interfaċċa pubblika għal dikjarazzjonijiet minn fornituri ta' servizzi stabbiliti barra mill-Unjoni u li jibagħtu ħaddiema fi Stat Membru biex jipprovdu servizzi u li tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika fejn Stat Membru jimponi obbligu fuq il-fornituri ta' servizzi stabbiliti barra mill-Unjoni li jiddikjaraw li bagħtu ħaddiema f'dak l-Istat Membru.***

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment tal-Qafas Ewropew dwar l-Identità Diġitali (ĠU L, 2024/1183, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1183/oj>).

⁷ [...]

- (12) L-interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI hija mezz tekniku magħmul disponibbli mill-Kummissjoni Ewropea għall-użu volontarju mill-Istati Membri. ***Fejn l-Istati Membri ma għandhom l-ebda obbligu li jimponu kwalunkwe miżura mill-Artikolu 9(1) (a), (b), (c) jew (d) tad-Direttiva 2014/67/EU dwar il-fornitur tas-servizz, qabel ma jitolbu lill-fornituri ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' dik l-interfaċċa u, fejn Stat Membru jiddeċiedi li juża l-interfaċċa pubblika addizzjonalment biex jagħmel disponibbli d-dokument rilevanti [...], qabel ma jitlob lill-fornituri ta' servizzi jagħmlu disponibbli d-dokumenti rilevanti*** permezz ta' dik l-interfaċċa, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tali rekwiżit ikun previst fil-liġi nazzjonali, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-interess tagħhom li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika elettronika multilingwi ***għad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni, u fejn applikabbli, anke biex itellgħu dokumenti***, fi kwalunkwe ħin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jieqfu jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika, dment li jinfurmaw lill-Kummissjoni b'tali intenzjoni fil-ħin biex jiżguraw użu bla xkiel tal-interfaċċa pubblika u ċertezza legali għall-fornituri ta' servizzi.***
- (13) Jenħtieġ li l-Kummissjoni, f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità li għaliha l-Unjoni u l-Istati Membri kollha huma partijiet, tiżgura l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità tal-interfaċċa pubblika u l-kontenut tagħha filwaqt li tqis sa fejn rilevanti r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà kif stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2019/882⁸.

⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/882/oj>).

- (14) Jenħtieġ li l-fornituri ta' servizzi jkunu jistgħu jissottomettu dikjarazzjoni tal-postazzjoni **u jagħmlu disponibbli dokumenti rilevanti** lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru [...] **li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika u** li fih jiġi ippostjat ħaddiem, jiġifieri l-Istat Membru ospitanti, bl-użu ta' formola standard multilingwi **u l-funzjonalità li jittella'dokument** ta' dik l-interfaċċa pubblika. **Jenħtieġ li l-faċilità tat-traduzzjoni fl-IMI tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jitraduċu d-dokumenti minn u għall-kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-Unjoni. Jenħtieġ li dan ineħħi l-ħtieġa għal obbligu fuq il-fornitur ta' servizzi li jipprovdidi traduzzjoni ta' dawn id-dokumenti.**
- (15) Il-Kummissjoni rċeviet kontribut mill-grupp ta' esperti dwar formola elettronika komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema dwar ir-rekwiżiti u s-sistemi ta' dikjarazzjoni nazzjonali kif ukoll dwar l-informazzjoni rilevanti meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol. Il-Kummissjoni rċeviet parir mill-grupp ta' esperti dwar ir-rekwiżiti ta' informazzjoni li tqis xieraq li jiġu inklużi f'forma komuni għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Filwaqt li jitqies dan il-parir, **id-dritt tal-Unjoni applikabbli u l-liġijiet nazzjonali li jimplementaw d-Direttiva 2014/67/UE**, u sabiex tkun tista' tingħata l-informazzjoni li tista' tkun meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, il-formola standard użata mill-interfaċċa pubblika elettronika jenħtieġ li tikkonsisti f'informazzjoni relatata mal-fornitur ta' servizz, il-ħaddiem ipostjat, l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, il-[...] **persuni** ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti u **għas-sħab soċjali, u** r-riċevitur tas-servizz.[...]

- (15a) *Jenħtieġ li l-formola standard tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li ċerti elementi li jinsabu fil-formola standard, li ma jqisuhomx rilevanti fid-dawl tal-kuntest nazzjonali tagħhom u tal-mod kif jorganizzaw il-kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ma humiex meħtieġa mill-fornituri ta' servizzi li jippostjaw il-ħaddiema fit-territorju tagħhom li jimlew il-formola fuq l-interfaċċa pubblika elettronika. Abbażi ta' din l-informazzjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni temenda l-formola standard permezz ta' att ta' implimentazzjoni billi żżid referenza tal-Istat(i) Membru/i li ma jitlobx/jitolbux ċerti elementi.*
- (15b) *Filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istati Membri, l-informazzjoni dwar il-fornitur ta' servizzi inkluż rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta l-kumpanija fi proċedimenti amministrattivi u legali u dwar l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tar-riċevitur tas-servizz tista' tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' każijiet ta' ċirkonvenzjoni u abbuż tar-regoli dwar il-postazzjoni u xogħol mhux iddikjarat fil-kuntest tal-postazzjoni tal-ħaddiema. Għall-postazzjonijiet minn impriża ta' impjieg temporanju jew aġenzija ta' kollokament f'każ ta' postazzjoni doppja jew katina, jenħtieġ li l-formola standard tippermetti li tiġi identifikata l-impriża utenti. L-informazzjoni dwar rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta l-impriża utenti fi proċedimenti amministrattivi u legali tista' tiffaċilita wkoll il-monitoraġġ tal-konformità.*
- (16) Fir-rigward tal-istabbiliment tal-formola standard, u l-bidliet sussegwenti għaliha, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹. Jenħtieġ li l-Istati Membri, li jħossu li ċerta informazzjoni jenħtieġ li tizzied jew titneħħa mill-formola standard, jew li jenħtieġ li l-formola standard tiġi modifikata mod ieħor, *anke filwaqt li jqisu r-rekwiżiti ta' dikjarazzjoni u ċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' Stat Membru*, jitħallew jitolbu lill-Kummissjoni temenda l-formola standard kif xieraq.

⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

- (17) L-użu tal-interfaċċa pubblika, bil-formola standard tagħha, li tikkonsisti f'sett komuni u eżawrjenti ta' informazzjoni rilevanti li tista' tkun meħtieġa għal kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol, ser inaqqas id-diverġenzi fir-regoli u r-regolamenti applikabbli tal-Istati Membri. Jenħtieġ li jkun biżżejjed għall-fornituri ta' servizzi li jikkonformaw mal-obbligi tad-dikjarazzjoni ***tal-postazzjoni*** fl-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika. ***Għall-fini tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni***, jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali impost fil-livell nazzjonali f'dawn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l- [...] ***użu*** tal-interfaċċa pubblika [...] ***biex jittellgħu dokumenti jkun biżżejjed għall-fornituri ta' servizzi biex jikkonformaw ma' kwalunkwe obbligu li jżommu jew/u jagħmlu dawn id-dokumenti*** disponibbli [...] ***impost mill-Istati Membri skont l-Artikolu 9(1) (b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/67/UE. Jenħtieġ li ma jkun hemm l-ebda rekwiżit addizzjonali impost fil-livell nazzjonali f'dawn l-Istati Membri fir-rigward tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dawn id-dokumenti ladarba jkunu ntalbu u saru disponibbli mill-fornitur ta' servizzi permezz tal-interfaċċa pubblika fl-IMI [...]. Dan ma jaffettwax il-possibbiltà għal Stati Membri li jitolbu aktar informazzjoni u dokumenti biex jiżguraw il-monitoraġġ effettiv tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-postazzjoni ta' ħaddiema f'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/67/UE.***
- (18) [...]

- (19) [...] ***Il-formola standard u d-dokumenti mtellgħin mill-fornitur ta' servizzi jista' jkun fihom*** ċerta data personali. Jenħtieġ li l-ipproċessar ta' data personali ***fl-interfaċċa pubblika*** jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali stabbilit fir-Regolamenti (UE) 2016/679¹⁰ u (UE) 2018/1725¹¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. ***Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-kategoriji ta' data personali li jistgħu jiġu pproċessati jiġu definiti f'dan ir-Regolament.*** Sabiex tiġi ċċarata r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika, jenħtieġ li dan ir-Regolament jindika min għandu jitqies bħala l-kontrollur tad-data personali. Ir-Regolament (UE) Nru 1024/2012 japplika għall-ipproċessar ta' data personali tal-awtoritajiet kompetenti fl-IMI.
- (20) Jenħtieġ li l-informazzjoni mid-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ***u d-dokumenti mtella'*** tinżamm fl-interfaċċa pubblika għall-fini li terġa' tintuża f'dikjarazzjonijiet ta' postazzjoni sussegwenti għal perjodu massimu ta' 36 xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu ta' postazzjoni. ***L-informazzjoni tista' tinżamm f'sistemi back-end nazzjonali għal perjodu itwal, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679, il-liġi u l-prattiki nazzjonali.***
- (21) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità ma l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u ta l-opinjoni tiegħu fit-[...] ***8 ta' Jannar 2025.***

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj>).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj>).

- (22) Meta s-sħab soċjali jkollhom rwol fil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar il-postazzjoni, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jitħallew jipprovdu lis-sħab soċjali nazzjonali bl-informazzjoni rilevanti li tkun ġiet kondiviża permezz tal-IMI, għall-iskop uniku li tiġi vverifikata l-konformità mar-regoli dwar il-postazzjoni filwaqt li jiġi rrispettat ir-Regolament (UE) 2016/679. Jenħtieġ li l-informazzjoni rilevanti tiġi pprovduta lis-sħab soċjali permezz ta' mezzi oħra għajr l-IMI.
- (23) Jenħtieġ li l-Awtorità Ewropea tax-Xogħol ("ELA") tappoġġa lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u lill-fornituri ta' servizzi tal-Istati Membri, **inkluż l-SMEs**, fl-implimentazzjoni u l-użu tal-interfaċċa pubblika f'konformità mal-mandat tagħha skont ir-Regolament (UE) 2019/1149¹².
- (24) Jenħtieġ li dan ir-regolament ikun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2014/67/UE u d-Direttiva 96/71/KE. **Jenħtieġ li jkun ukoll mingħajr preġudizzju għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-użu ta' interfaċċa pubblika konnessa mal-IMI għad-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni ta' ċerti kategoriji ta' ħaddiema, bħad-Direttiva (UE) 2020/1057.**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Iżvizzera) (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1149/oj>)

Artikolu 1

Interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern

1. Sabiex tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern billi tnaqqas [...] ***l-ostakli*** amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, filwaqt li tiffaċilita l-monitoraġġ effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u tappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi interfaċċa pubblika multilingwi konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ("IMI"), stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1024/2012, għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***u, fejn applikabbli, biex tagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti*** ("l-interfaċċa pubblika").
2. L-Istati Membri jistgħu [...] ***jiddeċiedu*** li jużaw [...] ***l-*** interfaċċa pubblika ***msemmija fil-paragrafu 1.***
3. Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' tipprevedi li l-fornituri ta' servizzi jiddikjaraw il-postazzjoni tal-ħaddiema, f'konformità mal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE, billi jissottomettu dikjarazzjoni bbażata fuq formola standard multilingwi permezz tal-interfaċċa pubblika. ***Il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tista' wkoll, fejn Stat Membru [...] jiddeċiedi hekk, tipprevedi li fornituri ta' servizzi jagħmlu disponibbli kopji ta' dokumenti rilevanti meħtieġa għal finijiet ta' kontrolli u monitoraġġ f'konformità mal-Artiklu 9(1) (b), (c) u (d), fuq talba mill-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli, billi jtellgħu dawn id-dokumenti f'perjodu ta' żmien raġonevoli fl-interfaċċa pubblika [...].***

3a. *Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/67/UE, fejn Stat Membru jiddeċiedi li jimponi l-obbligu li ssir id-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema skont l-Artikolu 9(1)(a) u li jagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti skont l-Artikolu 9(1) (b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/67/UE u fejn dak l-Istat Membru jiddeċiedi li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-dikjarazzjoni u d-disponibilità tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jissostitwixxu kwalunkwe dikjarazzjoni ta' postazzjoni diġà eżistenti meħtieġa skont il-liġi nazzjonali u r-rekwiżiti li jsiru jew jinżammu disponibbli dokumenti jekk dawn id-dokumenti kienu ntalbu u nkisbu f'IMI permezz tal-interfaċċa pubblika.*

Artikolu 2

Funzjonalitajiet tal-interfaċċa pubblika

1. L-interfaċċa pubblika għandha tipprovdi [...] **funzjonalitajiet** biex:
 - (a) jinħoloq kont għal aċċess sigur għaż-żona riżervata tal-fornitur ta' servizzi;
 - (b) jiġi żgurat illoggjar xieraq tal-attività tal-utent;
 - (c) jinħolqu, jiġu sottomessi u ġestiti dikjarazzjonijiet **ta' postazzjoni, inkluż il-validazzjoni teknika tad-data** [...];
 - (d) tiġi trażmessa [...] **elettronikament silta** mid-dikjarazzjoni ta' postazzjoni **bid-data rilevanti** tal-ħaddiem ippostjat;

(da) ikunu jistgħu jittellgħu d-dokumenti rilevanti elenkati fl-Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2014/67/UE, wara li jkun beda l-perjodu ta' postazzjoni u dment li d-dikjarazzjoni ta' postazzjoni relatata tkun ġiet sottomessa fl-interfaċċa pubblika;

(e) l-informazzjoni sottomessa tkun disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti nazzjonali responsabbli **kemm** tal-Istat Membru ospitanti **kif ukoll tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur ta' servizz, għall-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u** għall-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012[...];

(ea) ikunu disponibbli dokumenti mtellgħin fl-IMI għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti għall-monitoraġġ tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata li tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema ppostjati, u għall-kooperazzjoni amministrattiva skont il-punti 6 u 7 tal-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012.

(f) jiġi permess li awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE, jirċievu wkoll dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni, **u kwalunkwe bidla sussegwenti tagħhom**, direttament fis-sistema back-end nazzjonali fuq talba ta' dak l-Istat Membru; **u jiġi permess li awtorità nazzjonali waħda jew aktar tal-Istat Membru tal-istabbiliment tal-fornitur ta' servizzi li jkunu awtoritajiet kompetenti skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/67/UE jirċievu l-informazzjoni sottomessa direttament fis-sistema back-end nazzjonali tagħhom fuq talba ta' dak l-Istat Membru.**

(fa) jiġi permess l-iskambju ta' messaġġi bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru ospitanti u l-fornituri ta' servizzi, sakemm dan ikun rilevanti għall-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni u/jew għat-talba li jittellgħu d-dokumenti rilevanti.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-iżvilupp, il-manutenzjoni u l-operazzjoni tal-interfaċċa pubblika.
3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabilità tal-interfaċċa pubblika u l-kontenut tagħha.[...]

Artikolu 3

Użu tal-interfaċċa pubblika mill-Istati Membri

1. Stat Membru li [...] **jiddeċiedi** li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jinforma lill-Kummissjoni ***tal-anqas*** 6 xhur qabel id-data minn meta jkun beħsiebu juża l-interfaċċa pubblika.
2. Stat Membru li [...] **jiddeċiedi** li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika għandu jadotta l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jippermetti l-użu tal-interfaċċa pubblika mill-fornituri ta' servizzi ta' postazzjoni tal-ħaddiema f'dak l-Istat Membru u biex jikkonforma mar-rekwiżiti tal-interfaċċa pubblika u tal-formola standard tad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema ***u, fejn rilevanti, biex jittellgħu d-dokumenti*** fi żmien debitu qabel tali użu.
3. L-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika ma għandhom jimponu l-ebda dikjarazzjoni ***ta' postazzjoni*** jew rekwiżit ta' informazzjoni addizzjonali ***skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1)(a) tad-Direttiva 2014/67/UE*** fuq il-fornituri ta' servizzi li jissottomettu d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni permezz tal-interfaċċa pubblika. ***L-Istati Membri ma għandhom jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali dwar iż-żamma jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' dokumenti matul jew wara l-perjodu ta' postazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1)(b), (c) u (d) tad-Direttiva 2014/67/UE fuq il-fornituri ta' servizzi fejn dawn id-dokumenti jkunu diġà saru disponibbli fl-IMI permezz tal-interfaċċa pubblika.***
4. Il-lista tal-Istati Membri li jagħmlu użu mill-interfaċċa pubblika kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandha tkun disponibbli għall-pubbliku mill-Kummissjoni fuq l-interfaċċa pubblika. ***Meta Stat Membru jiddeċiedi li ma jagħmilx użu mill-interfaċċa pubblika, l-interfaċċa pubblika għandha tagħmel disponibbli l-link għas-sit web tad-dikjarazzjoni ta' postazzjoni ta' dak l-Istat Membru, jekk applikabbli.***
5. Stat Membru jista' ma jkomplix jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika. Dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni [...] ***tal-anqas xahrejn*** qabel id-data tat-tmiem maħsuba għall-użu tal-interfaċċa pubblika.

Formola standard

1. [...] *F'konformità mal-Artikolu 9(1)a tad-Direttiva 2014/67/UE u abbażi tal-liġijiet nazzjonali li jimplementaw dik id-Direttiva, il-formola standard għandha tikkonsisti f'lista ta' informazzjoni li hija meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru kontrolli fattwali fuq il-post tax-xogħol skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2014/67/UE u relatata ma':*
 - (a) *il-fornitur tas-servizzi, inkluż ir-rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta lill-fornitur tas-servizzi fi proċedimenti amministrattivi u legali, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(a);*
 - (b) *il-ħaddiema [...] ppostjati, inkluż in-numru antiċipat ta' ħaddiema ppostjati identifikabbli b'mod ċar, id-deskrizzjoni tal-ħidma mwettqa u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(b) u (c);*
 - (c) *l-assenjazzjoni tal-postazzjoni, inkluż it-tul ta' żmien antiċipat, id-data prevista tal-bidu u tat-tmiem tal-postazzjoni, in-natura tas-servizzi li jiġġustifikaw il-postazzjoni, l-akkomodazzjoni kollettiva u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, u l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(d);*
 - (d) *il-persuni [...] ta' kuntatt imsemmija fl-Artikolu 9(1) il-punti (e) sa (f) tad-Direttiva 2014/67/UE, inkluż l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(3)(e);*
 - (e) *ir-riċevitur ta' servizzi, inkluż l-identità tar-riċevitur ta' servizzi u d-dettalji ta' kuntatt tiegħu.*
- 1a. *Għall-postazzjonijiet minn impriża ta' impjieġ temporanju jew aġenzija ta' kollokament temporanju, f'każ ta' postazzjoni doppja jew katina kif deskritt fis-subparagrafi 1 u 2 tal-Artikolu 1(3) tad-Direttiva 96/71/KE, il-formola standard għandha tikkonsisti wkoll f'informazzjoni relatata mal-impriża utenti, inkluż l-identità tal-impriża utenti u r-rappreżentant legali jew persuna oħra li tirrappreżenta l-impriża utenti fi proċedimenti amministrattivi u legali.*

2. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-formola standard imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).
3. Stat Membru li [...] ***jiddeċiedi*** li jagħmel użu mill-interfaċċa pubblika jista' jiddeċiedi li ma jitlobx l-informazzjoni kollha li tinsab fil-formola standard u għandu jinforma lill-Kummissjoni skont dan. ***Abbażi ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha temenda l-formola standard għall-Istat Membru rilevanti f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 8(2).***
4. ***Kwalunkwe Stat*** [...] Membru jista' jissottometti lill-Kummissjoni suġġerimenti għal emenda/i għall-formola standard, ***bi spjegazzjoni tar-raġunijiet għas-suġġeriment***. Il-Kummissjoni għandha teżamina, ***fi żmien raġonevoli***, tali suġġerimenti bil-ħsieb li temenda, fejn xieraq, il-formola standard.
5. Il-Kummissjoni tista', abbażi ta' suġġeriment minn Stat Membru jew fuq l-inizjattiva tagħha stess, [...] ***tissottometti abbozz ta' att ta' implimentazzjoni*** biex temenda l-formola standard, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
- 5a. ***Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li ma tissottomettix abbozz ta' att ta' implimentazzjoni għal emenda ssuġġerita minn Stat Membru, inkluż jekk tqis li din mhux ġustifikata jew sproporzjonata, il-Kummissjoni għandha tispjega, fi żmien raġonevoli, ir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.***

Artikolu 5

Proċessar u żamma ta' data personali

1. Għall-fini li jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1, id-data personali msemmija fil-paragrafi 2 u 3 tista' tiġi pproċessata [...] ***fl***-interfaċċa pubblika.

2. Il-Kummissjoni għandha titqies bħala kontrollur f'konformità mal-Artikolu 3(8) tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward ta':
 - (a) L-iżgurar tas-sigurtà u d-disponibbiltà tal-interfaċċa pubblika;
 - (b) L-ipproċessar tal-identifikazzjoni u d-dettalji ta' kuntatt tal-persuna li tissottometti d-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema,
3. Il-fornitur ta' servizzi għandu jitqies bħala kontrollur f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 għall-ipproċessar:
 - (a) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-fornitur ta' servizzi **u l-benefiċjarju tas-servizz**;
 - (b) l-identità tal-[...] **ħaddiema** [...] ippostjati;
 - (c) indirizz elettroniku ta' notifika, bħal [...] indirizz tal-**posta elettronika**, ta' ħaddiem ippostjat biex il-ħaddiem ippostjat jiġi infurmat li ġiet sottomessa dikjarazzjoni **tal-postazzjoni** għal dak il-ħaddiem;
 - (d) l-indirizz tal-post tax-xogħol tal-ħaddiem ippostjat;
 - (e) l-identità u d-dettalji ta' kuntatt tal-[...] **persuni ta' kuntatt jew ir-rappreżentant rilevanti**;

(ea) data personali li tinsab f'dokumenti li jittellgħu fuq l-interfaċċa pubblika.
4. Meta Stat Membru jirċievi dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni addizzjonali permezz tal-interfaċċa pubblika fis-sistema back-end nazzjonali tiegħu, l-awtorità nazzjonali kompetenti għandha titqies bħala kontrollur f'konformità mal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali li tinsab f'dawn id-dikjarazzjonijiet tal-postazzjoni.
5. L-interfaċċa pubblika għandha tiżgura t-ħassir awtomatiku tal-informazzjoni **u d-dokumenti** relatati ma' postazzjoni li [...] jkunu ġew sottomessi permezz ta' dik l-interfaċċa pubblika 36 xahar wara d-data tat-tmiem tal-perjodu tal-postazzjoni.

6. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti t-tħassir tad-data personali kollha maħżuna hemmhekk u fil-kontijiet tal-fornituri ta' servizzi meta dik id-data ma tkunx għadha meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun inġabret u ġiet ipproċessata.
7. L-interfaċċa pubblika għandha tippermetti li tintbagħat tfakkira lill-fornitur ta' servizzi biex jirrieżamina u jħassar, meta jkun meħtieġ, kwalunkwe data personali f'konformità mal-paragrafu 6.
8. Stat Membru jista' jippermetti lill-awtorità nazzjonali kompetenti tipprovdi lis-sħab soċjali nazzjonali b'mezzi oħra minbarra l-IMI, l-informazzjoni rilevanti disponibbli fl-IMI sa fejn ikun meħtieġ u esklużivament għall-fini ta' verifika tal-konformità mar-regoli dwar l-ippostjar u f'konformità mal-liġi u l-prattiki nazzjonali, dment li l-informazzjoni tkun relatata ma' ppostjar fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 6

Proċessar tal-informazzjoni sottomessa u dokumenti mtellgħin permezz tal-IMI

L-informazzjoni sottomessa ***u d-dokumenti mtellgħin*** permezz tal-interfaċċa pubblika għandhom ikunu magħmulin disponibbli fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru ospitanti biex jinkisbu l-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 1. ***L-informazzjoni sottomessa permezz tal-interfaċċa pubblika għandha tkun magħmula disponibbli wkoll fl-IMI għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli tal-Istat Membru tal-istabiliment tal-fornitur ta' servizzi.***

Artikolu 7

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1024/2012

Fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1024/2012, jiżdied il-punt (17) il-ġdid li ġej:

- "17. Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar interfaċċa pubblika konnessa mas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern għad-dikjarazzjoni tal-postazzjoni tal-ħaddiema u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012."

Artikolu 8

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu [...] 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 9

Evalwazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament sa [ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament]. B'mod partikolari r-rapport għandu jeżamina sa liema punt dan ir-Regolament irnexxielu jnaqqas l-[...] *ostakli* amministrattivi għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, *li jnaqqas il-frammentazzjoni tas-Suq Intern b'mod effettiv*, jiffaċilita l-monitoraġġ effettiv mill-Istati Membri tal-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE mmirata biex jiżgura l-protezzjoni tal-ħaddiema ppostjati u jappoġġa l-kooperazzjoni amministrattiva relatata bejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri. ***Barra minn hekk, għandu jeżamina l-użu futur potenzjali tal-interfaċċa pubblika għal dikjarazzjonijiet minn fornituri ta' servizzi stabbiliti barra mill-Unjoni u li jibagħtu ħaddiema lejn Stat Membru biex jipprovdu servizzi kif ukoll il-possibbiltà li d-dikjarazzjoni ta' postazzjoni u l-applikazzjoni għal dokument portabbli A1 jitqarrbu aktar lejn xulxin teknikament. Il-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti.***

Artikolu 10

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ 3 xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

Għall-Kunsill

Il-President
